# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 16 ta' Ġunju, 2025

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 30/2024 ISB**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta' **Bank of Valletta p.l.c.**, intavolat fil-25 ta' Marzu 2024, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

*(i) Tordna li l-isem tas-socjeta' Marga Company Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C 9136 li ġie mħassar minn fuq ir-reġistru b'effett mid-9 ta' Marzu 2021 jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji miżmum mill-intimat ai termini tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(ii) Tordna li r-Reġistratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Reġistratur intimat għar-reġistrazzjoni kopja uffiċjali ta' l-Ordni Mogħtija fuq it-talba precedenti.*

*(iii) Tagħti dawk id-direzzjoni u Tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni biex is-soċjeta' Marga Company Limited u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun viċin daqs li kieku l-isem tal-kumpanija Marga Company Limited qatt ma ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*(iv) Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat jippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-website miżmuma mill-istess reġistratur intimat u f'gazzetta li toħrog kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta.*

*(v) Tordna lir-Reġistratur tas-Kumpaniji intimat idaħħal l-isem tal-kumpanija fir-reġistru minnu miżmum skont il-Liġi.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi, s-soċjeta' Marga Company Limited (C9136) hija debitriċi tas-soċjeta' Bank of Valletta p.l.c. in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 4 ta` Mejju 1999 (Dok. "A") in atti Nutar Dottor John Gambin .*
2. *Illi d-debitu ta' Marga Company Limited mas-soċjeta` attriċi ġie garantit in solidum permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu - Dok. "A" fuq imsemmi.*
3. *Illi s-socjeta esponenti tinsab kreditriċi ta' Marga Company Limited, socjeta' inkorporata mar-Registratur intimat bin-numru progressiv C 9136, fis-somma ta' disa` mija u sebgħa u għoxrin elf, sitt mija u ħamsa u sittin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€927,665.19), kwantu għal mitejn u tmenin elf, mija u tmienja u erbgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€280,148.54) sorte u kwantu għal sitt mija u sebgħa u erbgħin elf, ħames mija u sittax-il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€647,516.65) imghax sas-27 ta` Frar 2024, flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-28 ta` Frar 2024 sal-jum tal-pagament effettiv, kif aħjar jirriżulta mid-dokumenti tal-prospett hawn annessi u eżibiti bħala Dok. "B1" u Dok. B2", u l-ispejjez legali.*
4. *Illi, l-isem tas-soċjeta' Marga Company Limited ġie imħassar minn fuq ir-reġistru ai termini tas-sub inċiż 2 tal-Artikolu 325 tal-Att ta' l-1995, dwar il-kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet, b'effett mid-9 ta' Marzu 2021 kif aħjar jirriżulta mill-avviż maħrug mill-intimat Reġistratur tal-*

*Kumpaniji, li kopja tiegħu qed tiġi hawn eżibita u mmarkata Dok. "C1" sa "C3".*

5. *Illi, s-socjeta' esponenti, bħala kreditriċi ta' l-imsemmija kumpanija, umilment tissottometti li għandha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija Marga Company Limited ġie mħassar minn fuq ir-reġistru bis-saħħa ta' l-imsemmi sub artikolu 2 tal-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet, u għalhekk l-esponenti umilment tgħid illi huwa xieraq illi l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, sabiex l-esponenti tkun tista' teżerċita d-drittijiet illi għandha kontra l-istess soċjeta' Marga Company Limited.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 12).

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' April 2024 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' Mejju 2024 fid-9:30 a.m. u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ntavolata fil-15 ta' April 2024 (fol 14) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Johanna Bartolo** (fol 16 sa fol 17).

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien notifikat fil-15 ta' April 2024 (ara tergo ta` fol 18).

Rat illi fis-6 ta' Mejju 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 21), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija Marga Company Limited (C 9136) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-28 ta' Ottubru 1987;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi il-kumpanija, għal kuntrarju ta' dak rikjest lilha mill-Att, mill-inkorporazzjoni tagħha l-hemm, kważi qatt ma ssottomettiet kontijiet annwali mar-Reġistratur, ħlief dawk relatati mas-sena 1997, u l-aħħar prospetti annwali li qatt irreġistrat il-Kumpanija kienu dawk relatati mas-sena 1999;*
>
> *Illi fil-frattemp ir-Reġistratur bagħtet ittra biex tinforma lill-kumpanija li kien hemm bżonn tissottometti id-dokumenti neċessarji, iżda il-kumpanija qatt ma rrispondiet jew issottomettiet dak li kien qed jiġi rikjest lilha;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur ipproċediet u kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, 'Triq Il-Kwarta, Swieqi, Malta, datata, 5 ta' Novembru 2020. Ta' min jispeċifika wkoll illi l-kumpanija ilha mingħajr direttur mis-sena 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz fid-9 ta' Diċembru 2020;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fid-9 ta' Diċembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi l-Bank of Valletta p.l.c. qatt ma oġġezzjona ghal tali process matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Registratur għal-ġid ta' kull min seta' qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fid-9 ta' Marzu 2021, iġifieri tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikkorent qiegħed jibbaża t-talba tieghu sabiex l-isem tal-kumpanija jerga' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal-lum, il-kreditur jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpannija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interess tat-terzi persuni;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditriċi ta' din il-kumpanija hija stess u ghaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt li l-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammonta għal* ***EUR 6,531.18****;*

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m'għandiex oġġezzjoni għal dan u għalhekk lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-pożizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bħala kreditur tal-kumpanija msemmija. Filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal zmien indefinit.*

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2024 deher l-Avukat Dominic Cassar għall-Bank rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat u xehed **Owen Bugeja,** prodott mill-Bank rikorrent u ppreżenta ħames (5) dokumenti (Dok OB3 sa Dok OB7, fol 45 sa fol 59).

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2025 reġa' xehed **Owen Bugeja** u ppreżenta tliet (3) dokumenti (Dok OB8 sa Dok OB10). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2025, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tgħid illi b'effett mid-9 ta' Marzu 2021, l-isem tas-soċjeta' **Marga Company Limited (C 9136)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-socjeta` Marga Company Limited (C 9136), fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, liema ammonti jirriżultaw minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-4 ta' Mejju 1999, flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-istess. Tgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lis-soċjeta' rikorrenti milli tiġbor il-flus lilu dovuti lilha. Huwa allura għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta` Marga Company Limited (C 9136) terga' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi s-soċjeta' rikorrenti tieħu l-miżuri kollha lilha spettanti biex tissodisfa l-kreditu tagħha.

Fl-affidavit tagħha, **Johanna Bartolo**, bħala rappreżentanta ġudizzjarja tas-soċjeta' rikorrenti, tgħid li s-soċjeta' Marga Company Limited (C 9136) hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' disa' mija u sebgħa u għoxrin elf, sitt mija u ħamsa u sittin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€927,665.19) u ċioe' l-bilanċ fuq l-kont tad-debitu flimkien mal-imgħax ulterjuri sas-27 ta' Frar 2024, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Tgħid li isem is-soċjeta' Marga Company Limited (C 9136) ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mid-9 ta' Marzu 2021 u li s-soċjeta' rikorrenti tħossha aggravata b'dan il-fatt u għalhekk kellha ssir din il-kawża sabiex hi tkun

tista' teżerċita d-drittijiet li għandha kontra l-istess soċjeta' Marga Company Limited (C 9136).

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha ppreżentati mal-istess affidavit, kif ukoll dawk ippreżentati mar-rikors promotur.

Fix-xhieda tiegħu, **Owen Bugeja** jgħid li jokkupa l-kariga ta' *Head fil-claims unit* tal-bank rikorrent. Jispjega li s-soċjeta' *de quo* għandha dejn mal-bank li għadu ma ġiex saldat u jammonta għal disa' mija u erbgħa u erbgħin elf, mitejn u sebgħa u tmenin Ewro (€944,287).

Mistoqsi x'inhu l-interess tal-bank li jerġa' jpoġġi s-soċjeta' *de quo* fuq ir-Reġistru jgħid li l-kumpanija kienet iddepożitat f'*safe deposit box* numru ta' ġojjelli sabiex jagħmlu tajjeb għad-dejn, liema ġojjelli ma jistgħux jinbiegħu b'subbasta jekk kemm-il darba l-kumpanija m'għadhiex teżisti.

Iżid jgħid li waħda mid-Diretturi, Rose Galea, li ġiet nieqsa fis-sena 2019 kellha garanzija personali fuq id-dejn flimkien mal-ex żewġha u b'hekk il-bank qed jagħmel laqgħat ukoll mal-eredi tal-istess Rose Galea għax jirriżulta li hemm propjetajiet oħra li l-bank jista' jaqbad. Jgħid li f'dawn il-laqgħat kien hemm diskussjonijiet dwar il-valur tal-ġojjelli iżda mhux qed jaqblu dwar dan.

In sosten tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3),*

*tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija Marga Company Limited (C 9136) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi l-bank rikorrent għandu proċeduri pendenti quddiem il-Qorti li jeħtieġu l-involviment ta' Marga Company Limited (C 9136). Illi filwaqt illi l-intimat Reġistratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'danakollu kull każ storja u fil-każ odjern, il-bank rikorrent indika li l-kumpanija fil-fatt għad hemm il-bżonn li tibqa' attiva sabiex il-bank rikorrent ikun jista' jenforza id-drittijiet tiegħu fil-konfront tagħha.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpanija Marga Company Limited (C 9136) minn fuq ir-Reġistru, pero` l-bank rikorrent għandu interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huwa jitlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpanija msemmija lura fuq ir-Registru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti hija sodisfatta illi jkun xieraq illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Marga Company Limited (C 9136)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Marga Company Limited (C 9136)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpaniji għall-perjodu ta' ħames snin (5), b'dan illi l-Bank rikorrent huwa mistenni illi isegwi u wieħed jispera jiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnhekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Marga Company Limited (C 9136)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tal-Bank rikorrent.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**